MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2005

Avviz Numru. 47/2005

**Maltacom p.l.c. (C22334)**

**Vs**

**Andrew Vasuani (ID No 166071M)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn sebgha mija u tlieta u tletin liri Maltin u sebghin centezmu (Lm2,733.70) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi tat-telefon bin-numri 21340804, 21340834, 21340829, 21340825, 21340812, 21340811, 21340810, 21340797, 21340805 u 21340798 (skond kif jirrizulta mid-dokumenti annessi markati Dok A u Dok B).

Bl-ispejjez komprizi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi dokumenti markati Dok A u Dok B a fol 2 sa fol 7 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-30 ta' Novembru 2005 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm2733.70,0 bl-imghaxijiet legali mis-27 ta’ Jannar 2005 u bl-ispejjes inkluzi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------